**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A21-08

25 t’ Awwissu 2008

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/21**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar l**-Erbgħa 27 t’ Awwissu 2008, fl-4.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ *Request Sheets*
5. Approvazzjoni tad-*Draft Reply tal-Management Letter*
6. Affarijiet Oħra
7. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dunstan Attard
Viċi-Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

29 ta' Settembru 2008

Ref Nru.Klg5/021

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/21 li saret l-Erbgħa 27 t' Awwissu 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fl-4.00 p.m.

Preżenti

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat**

Il-Kunsillier Ian Micallef.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-25 t' Awwissu 2008.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 29 ta' Lulju 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Paġna Nru.7 para 10.1 trid tiżdied il-frażi 'sakemm ma ssirx rekostruzzjoni tat-triq' wara l-frażi 'l-Kunsill ikun qed jarmi flusu'.

Din l-emenda tressqet mill-Kunsillier Anthony Abela u ġiet ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira, l-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1. Paġna Nru: 5 para 6.1. Konklużjoni kawża 123 Triq Cameron

Iċ-*Chairman* informa li l-Kunsill kien ħallas l-ammont ta' €964.75 – taxxa tad-drittijiet u spejjeż ta' ċitazzjoni Nru: 1548/00 JRM fl-ismijiet Richard Borg Ginger et noe vs Frank Caruana e.t. rilaxxata fit-13 ta' Settembru 2007 bħala spejjeż legali konvenut Frank Caruana.

Huwa kompla jgħid, li s-Sur Borg Ginger kien iffirma l-ittra iżda kiteb din il-frażi ' *I am accepting saving for the amount due for VAT to Dr. Paul Gauci Maistre'* (ara *Appendix* Nru.I). Huwa żied jgħid, li hu kien ser jikkontestaha minħabba l-fatt li kienu għaddew għoxrin ġurnata.

### 2.2. Paġna Nru. 6 para 7.1. – *Activities Centre*

Ngħata rendikont tax-xogħlijiet li kienu saru fosthom il-kmamar tal-banju, t-tank ta' l-ilma u x-xogħol tat-tħaffir tat-trinek kien qed isir mill-ħaddiema ta' l-I.P.S.L. u ta' l-Assenjar.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li għandha tinħareġ *tender* għall-*lift* u kwotazzjonijiet għas-suffett u l-*air conditioner*.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kien qed jipprepara programm għall-ftuħ u talab lill-membri tal-Kunsill biex jinfurmawh, jekk ikunu jafu b'xi persuni li jgħallmu l-*crafts*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa, li l-Kunsill għandu jikteb lid-ditta Melita Cable p.l.c. għal xi *sponsor*.

### 2.3. Paġna Nru.7 – para 8.1. – Diskussjoni u Deċiżjoni dwar il-proċedura tas-servizz offrut mid-ditta Conmal

Rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi, l-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ried kopja tal-kuntratt tad-ditta hawn fuq imsemmija.

Iċ-*Chairman* qal, li d-Dipartiment għandu jiġi nfurmat li l-Kunsill kien għadu għaddej b'diskussjonijiet fl-aħjar interess tal-lokalita'.

**2.4. Paġna Nru. 7 para 9.1. – Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħruġ ta' *Tender for the Upgrading works at Council of Europe Gardens Gżira***

Iċ-*Chairman* qal, li meta kien ġie ffirmat il-kuntratt l-ammont kien ta' €91,503.61/Lm39,282.50 *excluding VAT*. Huwa kompla jgħid, li dak in-nhar tal-laqgħa jiġifieri fis-27 t'Awwissu 2008, il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Perit fejn spjega li d-differenza fil BOQ kienet minħabba l-fatt, li l-ewwel sottomissjoni saret circa sena ilu u ma kienitx tinkludi l-VAT.

Huwa żied jgħid, li wara li kienu saru laqgħat mal-Perit tal-Kunsill, saru xi emendi minħabba li żdiedu aktar *outdoor furniture, agricultural store* u funtana li l-ammont tagħhom kien ta' €21,668.52 VAT inkluża liema ammont, ġie sottomess fuq BOQ separat. Għalhekk, l-estimi tat-*tender* kien ta' €131,530.78 VAT inkluża u d-diskrepanza bejn l-ewwel u t-tieni *tender* kienet ta' €18,358.65. Din id-diskrepanza hi attribwita għall-VAT li ma kienitx inkluża fl-ewwel sottomissjoni li ġiet approvata mill-U.I.F. Huwa qal ukoll, li l-Kunsill seta' japplika għal din id-differenza iżda, l-proċedura kienet ser tieħu aktar fit-tul.

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-*items* mnizzla fil-BOQ riedu jitnaqqsu bi 18% minħabba l-fatt, li l-ammont ma setax jaċċedi dak sottomess.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-27 t' Awwissu 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill qabel li s-Sur Jesmond Borg propjetarju tal-*Borg Hardware Store* għandu jerġa' japplika lill-A.D.T. rigward it-talba għall-*loading/unloading bay* fi Triq Stuart Gżira.

**3.4.** Il-Kunsill ġie nfurmat li d-ditta GasanMamo aċċettat li tħallas l-ispejjeż kollha neċessarji sabiex tiġi nstallata tabella li taqra *GO LEFT* quddiem il-*gate* tal-*parking area* tagħhom.

**3.5.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma minħabba li kien ħiereġ l-ilma fi Triq Carlo Manche' fejn il-Korporazzjoni talbet li jsir ix-xogħol u wara jintlaħaq ftehim dwar ir-*reinstatement* finali bil-*hot asphalt* li jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill, intant, ir-*reinstatement* kien ser isir bit-temporanju.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li dan ix-xogħol inkluż ir-*reinstatement* bil-*hot asphalt* għandu jsir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

**3.6.** ***Boundary Walls*/Transazzjoni *Savoy Gardens Ltd*.**

Inqrat ittra datata 8 t'Awwissu 2008, mibgħuta mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn dan informa li l-Kunsill m'għandux jitlob ħlas għat-tqiegħed ta' *Boundary Walls* .

Wara diskussjoni qasira, ċ-*Chairman* qal, li in segwitu tal-pariri kemm tad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll, ta' l-Avukat tal-Kunsill, legalment il-Kunsill ma setax jikkommetti ruħu minħabba l-fatt, li kien għadu f'pożizzjoni biex jiddeċiedi.

**3.7.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill dwar estimi ta' €1,400 *excluding VAT* ta' *wall treatment* fl-*embellishment* tal-*Housing Estate* mibgħuta mill-kuntrattur Joe Desira

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-Chairman, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li dan il-proġett għandu jiġi terminat u jekk dan is-suġġett ma kienx fil-*BOQ* tal-proġett sottomess, ma kienx hemm għalfejn niddiskutu aktar mal-kuntrattur. Ix-xogħol ta' l-i*snag list* kien sar, baqa biss li ssir il-*bollard*.

Matul id-diskussjoni li kienet għaddejja saru rimarki, li sakemm isir il-proġett tal-*link road* jekk dejjem isir, il-problema ser tkun li parti mill-ġnien ser ikun embellished filwaqt li l-parti l-oħra, kienet ser tibqa' kif inhi u dan kien ser ikun ta' *eyesore*.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ kwotazzjoni għall-*website* u l-kont mibgħut mid-ditta GO għall-ammont ta' €961.96 – *web hosting* m'għandux jitħallas minħabba li l-Kunsill qatt ma kellu *website*.

**3.9.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li tingħata donazzjoni ta' €350. bħala parti mill-ispejjeż lill-Kumitat Festi Esterni Parroċċa Madonna tal-Karmnu Gżira.

**3.10.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 724 sa Nru. 768 (ara *Appendix* Nru.2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 724 sa Nru. 768 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela barra r-*request sheet* Nru: 728 li għandha tiġi kanċellata.

**5. Approvazzjoni tad-*Draft Reply* tal-*Management Letter***

**5.1.** Kemm il-*Management Letter* kif ukoll, id-*draft reply* (ara *Appendix* Nru: 3) ttieħdu bħala moqrija minħabba li kopja tagħhom intbagħtu ma' l-Aġenda u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-kummenti tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm kummenti, dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Il-Kunsillier Victor Rutter daħal għall-laqgħa fil-5.15 p.m.

**6. Affarijiet Oħra**

**6.1.** Il-Kunsill oġġezzjona għall-ħruġ ta' permess dwar talba tas-Sur George Vella li jmexxi l-*pony* fuq il-bankina ta' Triq ix-Xatt man-naħa tal-baħar.

**6.2.** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri talab li ssir laqgħa mal-kuntrattur ta' l-*Urban Sweeping & Cleaning,* s-Sur Steve R Farrugia.

**6.3.** Il-Kunsill qabel li l-permess mitlub mis-Sur Vincent Fenech ta' 261 St. Albert Flats, Triq San Albert, Gżira biex jagħmel *outreach* reliġjuż fix-Xatt tal-Gżira, jinħareġ għal darba biss.

**7. Laqgħa Oħra**

**7.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiiv |

Ref Nru: K304/02/08

6 t'Awwissu 2008

Sur Richard Borg Ginger
12 Qalb ta' Ġesu
Triq il-Lampara
Baħar iċ-Ċagħaq

Għażiż

Nikteb b'referenza għall-kawża fir-rispett ta' sit 123 Triq Cameron Gżira u ngħarrfek li anness għandek HSBC *cheque* Nru: 5517 għall-ammont ta' €964.75 (Lm414.17) skont taxxa tad-drittijiet u spejjeż ta' ċitazzjoni Nru: 1548/00 JRM fl-ismijiet Richard Borg Ginger et noe vs Frank Caruana e.t. rilaxxata fit-13 ta' Settembru 2007 bħala spejjeż legali konvenut Frank Caruana.

B'hekk, abażi tat-taxxa hawn fuq msemmija, l-Kunsill ħallas l-ammonti dovuti ta' €2880.36 (spejjeż legali Attur) u €694.75 (spejjeż legali Konvenut Frank Caruana).

Għaldaqstant ngħarrfek, li dan il-pagament għandu jitqies bħala assaldu ta' kull dritt legali u ġudizzjarju li joħroġ mill-kuntratt iffirmat fit-3 ta' Lulju 2007 u għalhekk, il-Kunsill Lokali mhux ser jassumi ebda responsabbilitajiet oħra relatati ma' dan il-każ.

Invista ta' dan, inti ġentilment mitlub tiffirma din il-korrispondenza bħala aċċettazzjoni li l-Kunsill Lokali Gżira għadda l-ispejjeż kollha relatati mal-kawża u għalhekk, mhux ser tressaq talba oħra għal xi ħlas.

Grazzi ta' l-attenzjoni, nselli għalik.

Dejjem tiegħek

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Sur Richard Borg Ginger

Gzira Local Council

**Ref No: K324/119/08**

**August 2008 KLG5/20**

| **R/Sheet No:** | **Description** | **Value** € | **Chq No:** |
|---|---|---|---|
| **724** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9718 Job No: 8028– Road Markings** | **143.20** | **5576** |
| **725** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 9719 Job No: 8029 – Road Markings** | **69.89** | **5578** |
| **726** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9720 Job No: 8030 – Road Markings** | **31.26** | **5579** |
| **727** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9772 Job No: 1169 – Hand Railing** | **244.10** | **5580** |
| **728** | **U Communications Ltd – programm fuq l-istazzjon UTV** | **58.23 - Cancelled** | |
| **729** | **Water Services Korporation Invoice No: 10447630-0 Promenade Garden 07.04.08 - 17.06.2008** | **107.83** | **5555** |
| **730** | **Richard Borg Ginger – taxxa tad-drittijiet u spejjeż ta' ċitazzjoni Nru: 1548/00 JRM** | **964.75** | **5517** |
| **731** | **Environmental Landscapes Cons. Ltd invoice 004289 Maint of soft areas July 2008** | **2212.93** | **5556** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **732** | **GO plc invoice 20844864 Tel: 21341616 Calls July 2008 Rent August** | **23.15** | **5532** |
| **733** | **GO plc invoice 20845721 Tel: 21322157 Calls July Rent August 2008** | **177.98** | **5533** |
| **734** | **GO plc invoice 20844853 Tel: 334254/341034 Calls July Rent August 2008** | **55.14** | **5534** |
| **735** | **Stardelta Hardware Store Invoice 3993363** | **50.95** | **5557** |
| | **3993364/3993343/3993344/3993372** | | |
| **736** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397648 Door to Door Collection August 2008** | **5590.50** | **5558** |
| **737** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397649 Hire of Skips August 2008** | **432.87** | **5559** |
| **738** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397650 Public Convenience July 2008** | **836.06** | **5560** |
| **739** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397651 Bulky** | **859.42** | **5561** |
| | **Service July 2008 – 157 Calls** | | |
| **740** | **Mr. Joe Borg Spejjeż papri August 2008 invoice No: 92** | **46.59** | **5581** |
| **741** | **G4S (Malta) Ltd invoice 25557 – 4 Trips July 2008** | **30.26** | **5562** |
| **742** | **Steve R. Farrugia Street Sweeping Grass Cutting, Mechanical Sweeper July 2008** | **4931.98** | **5563** |
| **743** | **Steve R. Farrugia Street Sweeping on Sundays – July 2008** | **378.52** | **5564** |
| **744** | **Conmal Ltd invoice 1273 Maintenance bozoz in various streets** | **469.52** | **5584** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 745 | Conmal Ltd invoice 1274 Supply of cement sand and gravel | 38.64 | 5583 |
| 746 | Conmal Ltd invoice 1284 – U-Shape barrier | 69.88 | 5586 |
| 747 | Conmal Ltd invoice 1286 maint bozoz | 132.65 | 5585 |
| 748 | Conmal Ltd invoice 1288 maint bozoz | 79.20 | 5582 |
| 749 | Melita plc invoice 25481131 – Hello service 08.08.08 – 07.09.08 | 136.88 | 5565 |
| 750 | David Grasso – Summer Music Nights 30.07.08 | 93.17 | 5551 pt |
| 751 | David Grasso – Summer Music Nights 06.08.08 | 93.17 | 5551 pt |
| 752 | David Grasso – Summer Music Nights 13.08.08 | 93.17 | 5551 pt |
| 753 | David Grasso – Summer Music Nights 20.08.08 | 93.17 | 5551 pt |
| 754 | Grezzju Azzopardi – Flowers Funeral Mario Darmenia | 46.58 | 5566 |
| 755 | Squire Bookshop invoice 6613 Newspapers for the month of July 2008 | 32.32 | 5567 |
| 756 | Makaw Ironmongery – invoice 14840 8 Litter Bins x 100 Ltrs. | 141.28 | 5568 |
| 757 | Charles Micallef St. John – tieni volum tas-saga Suwed Ulied – Tumas | 9.30 | 5622 |
| 758 | Eddie Attard – 2 kopji tal-pubblikazzjoni Il-Ħabs | 14.00 | 5623 |
| 759 | Local Council's Association Laqgħa għas-Sindki 5 u 6 ta' Settembru 2008-08-26 | 105.00 | 5531 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **760** | **Master Enterprises Co. Ltd invoice 3069 Water tank – Activities Centre** | **184.81** | **5547** |
| **761** | **Moda Bagno – invoice 5845 Bathroom ceramics Activities Centre** | **1022.00** | **5546** |
| **762** | **J. Lautier – 3 flat bars** | **17.90** | **5482** |
| **763** | **Gżira Parish Church donazzjoni spejjeż Festa** | **233.00** | **5492** |
| **764** | **Enemalta Kont tal-Ġnien Kunsill ta' L-Ewropa għall-perjodu 2006 – 2007 – sas-07.04.08** | **6216.82** | **5575** |
| **765** | **ITS invoice SIN080767 – Job No: JSO10253PF Sage Pastel Partner Consultation** | **53.10** | **5569** |
| **766** | **ITS Sage Pastel Partner Support Agreement 01.08.08 – 31.0709** | **150.00** | **5570** |
| **767** | **Eden fest attivita' 28.09.08** | **116.47** | **5550** |
| **768** | **Boċċi Club – parti mill-ispejjeż** | **350.00** | **5553** |